

32006R0430

16.3.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 79/7

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 430/2006

tal-15 ta' Marzu 2006

**li japprova l-operazzjonijiet ta' kontroll tal-konformità mal-istandards tal-marketing applikabbli għall-frott u l-ħxejjex imwettqa fis-Senegal qabel l-importazzjoni fil-Komunità**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-frott u l-ħxejjex <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1148/2001 tat-12 ta' Ġunju 2001 dwar il-kontrolli tal-konformità mal-istandards tal-marketing applikabbli fis-settur tal-frott u l-ħxejjex <sup>(2)</sup> jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-operazzjonijiet ta' kontroll tal-konformità li, qabel l-importazzjoni fil-Komunità, jitwettqu mill-pajjiżi terzi li japplikaw għal din l-approvazzjoni.
- (2) L-awtoritajiet Senegaliżi bagħtu lill-Kummissjoni applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-operazzjonijiet ta' kontroll tal-konformità mwettqa taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat għall-Protezzjoni tal-Ħxejjex tal-Ministeru tal-Agricoltura u l-Ilma. Din l-applikazzjoni tindika li d-Direttorat imsemmi hawn fuq għandu għad-dispożizzjoni tiegħu il-persunal, il-materjal u l-istallazzjonijiet meħtieġa għat-tweġġ ta' dawn il-kontrolli, li juża metodi ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001 u li l-frott u l-ħxejjex friski esportati mis-Senegal lejn il-Komunità jeħtiġilhom iħarsu l-istandards tal-marketing tal-Komunità.
- (3) Id-dejta li għandhom is-servizzi tal-Kummissjoni, ikkomunikata mill-Istati Membri, tindika li għall-perjodu 2001-2005, fl-importazzjoni ta' frott u ħxejjex friski ta oriġini mis-Senegal irriżultat frekwenza żgħira ħafna ta' nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-marketing.

(4) Jeħtieġ għalhekk li jkunu approvati l-operazzjonijiet ta' kontroll tal-konformità mwettqa mis-Senegal, b'effett mid-data tal-implimentazzjoni tal-proċedura ta' kooperazzjoni amministrattiva provduta fl-Artikolu 7(8) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001.

(5) Il-miżuri provduti f'dan ir-regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni għall-frott u l-ħxejjex friski,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-operazzjonijiet imwettqa mis-Senegal ta' kontroll tal-konformità mal-istandards tal-marketing applikabbli għall-frott u l-ħxejjex friski qabel l-importazzjoni fil-Komunità huma approvati f'konformità mal-kundizzjonijiet provduti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001.

*Artikolu 2*

Id-dettalji ta' kuntatt tal-korrispondent uffiċjali u tas-servizzi ta' kontroll tas-Senegal, imsemmija fl-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001, jingħataw fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika minn dakinhar tal-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, is-serje C, tal-avviż imsemmi fl-Artikolu 7(8) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001 dwar l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Komunità u s-Senegal.

<sup>(1)</sup> ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 64).

<sup>(2)</sup> ĠU L 156, 13.6.2001, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 408/2003 (ĠU L 62, 6.3.2003, p. 8).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Marzu 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

ANNEX

Korrispondent uffiċjali skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001:

Ministère de l'Agriculture et de l'Hydraulique  
Direction de la protection des végétaux  
BP 20054 THIAROYE DAKAR  
SENEGAL  
Tel.: (221) 834 03 97  
Feks: (221) 834 28 54/834 42 90  
Posta elettronika: almhanne@hotmail.com  
almhanne@yahoo.fr

Servizz ta' kontroll skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001:

Ministère de l'Agriculture et de l'Hydraulique  
Direction de la protection des végétaux  
Bureau qualité de la Division Législation et Contrôle phytosanitaire  
Tel.: (221) 834 03 97  
Feks: (221) 834 28 54  
Posta elettronika: dpv1@sentoo.sn  
almhanne@yahoo.fr

---